MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Numru 542/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Carmelo Bartolo**
**V**

**JOSEPH MUSUMECI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH MUSUMECI** ta’ erbghin sena bin Anthony u Rose nee Magro, imwieled H’Attard nhar t-tlieta w ghoxrin t’Awissu 1965 u residenti 'Dedieu House', 41, Triq Ta’ Brandin, Siggiewi, detentur ta' karta tal-identita numru 465465M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-tmienja w ghoxrin ta’ Lulju 2004 u matul x-xhur ta’ qabel din d-data b’diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1. Ikkommetta serq ta' servizz tal-cable television ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, kif wkoll bil-valur li jiskorri l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin ghad-detriment tad-dirigenti tas-socjeta Melita Cable plc;

2. talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema hsara li saret ghad-detriment tas-socjeta Melita Cable plc tammonta ghal aktar minn mitt lira maltin izda mhux aktar minn elf lira maltin;

3. talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, qatta, kisser, waqqa, iddistrugga, ghamel hsara, nehha, baghbas jew ikkonnettja ma xi parti ta' apparat, *duct*, arblu, *cabinet*, fil-cable jew oggett jew jew haga li jkunu, li jaghmlu sehem minn jew li jintuzaw jew iservu fin-*network* ta' cable television;

4. talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bena, biddel, ghamel, ipposseda, biegh, jew xtara xi apprat li bih setgha jikkonnettja kontra l-ligi ma sistema ta' telekomunikazzjoni;

5. talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ffalsifika jew biddel minghajr l-kunsens tas-sid, d-disinji jew mudelli ta' manifattura jew xjentement ghamel uzu ta' dawn d-disinji jew mudelli ffalsifikati jew imbiddla wkoll jekk minn haddiehor, minghajr l-kunsens tas-sid;

6. talli fuq talba tac-Chairman tal-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bena, sewwa, zamm f'kundizzjoni tajba, biddel jew ikkontrolla xi apparat jew istallazzjoni minghajr ma kellu l-kwalifiki mehtiega ghal dan l-iskop bl-Att li jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici jew tahtu;

7. talli fuq talba tac-Chairman tal-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, talli f'dawn il-Gzejjer, fl-

istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, biegh jew offra ghal bejgh jew ipprovda jew installa jew uza xi stallazzjoni jew apparat li ma jikkonformax ma tali standards jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti fl-Att biex biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici jew tahtu, jew li hu kien jaf jew kellu tassew ragonevolment ghaliex haseb li kienu difettuzi jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu nbieghu jew provduti, installati jew uzati;

8. talli fuq talba tac-Chairman tal-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, pprovda xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew installa jew haddem xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici jew tahtu jew bi ksur ta' xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni mposti bl-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici jew tahtu;

9. talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, uza xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghal uzu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkellha uza b'mod mhux kif imiss.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghaxra ta' Lulju 2005 sabiex [fol 10] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta, l-Fiat tal-Malta Communications Authority sabiex jigu inizjati proceduri fil-konfront tal-imputat odjern ai termini tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 37(1) u 35(1)(a)(b)(c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta esibita a fol 11 bhala dokument CSH 2, l-kwerela tal-Melita Cable plc esibita a fol 12 tal-atti bhala dokument CSH 3 u l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 immarkata bhala dokument CB a fol 19 tal-atti.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hdax ta' Settembru 2006 (fol 14), li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dakinhar stess.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lid-difiza tiddikjara fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2007 (fol. 44) li kienet qed tezenta lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lil rappresentant tal-Malta Communications Authority sabiex jikkonferma d-dokument rilaxxjat minnu u cioe d-dokument CSH 2 esibit fl-atti a fol. 11.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar il-Gimgha, tnax ta' Ottubru 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar il-hdax ta' Settembru 2006 **xehed l-allura Spettur illum Supretendent Carmelo Bartolo** (fol. 15) fejn qal li kien nhar it-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2004 meta membri tal-Melita Cable Television plc kienu marru f'residenza sitwata f'numru 41, Ta' Brandin, Siggiewi sabiex jaghmlu xi *maintenance* jew xi tiswijiet fis-servizz ta' l-*internet* li kien hemm provdut f'dik id-dar u waqt li kien qed isir dan ix-xoghol ta' tiswija f'dan is-servizz, innutaw li allegatament l-*converter* tat-*television* li kien hemm f'din ir-residenza, kien imbaghbas b'tali mod li kien jaqbad *channels* iktar minn dak li huwa kien qed ihallas ghalih.

Spjega li dan kien perjodu fejn hu gie nfurmat li kien hawn hafna minnhom u kienu ghamlu nvestigazzjoni shiha u gew misjuba diversi *converters* f'residenzi diversi. Fil-fatt irrizulta li d-dar in kwistjoni fejn saret l-ispezzjoni, hija tal-imputat odjern u dak il-hin li nnutaw dan l-oggett, kien hemm il-mara tal-imputat fid-dar meta r-rappresentanti tal-Melita Cable plc innutaw dan l-allegat *converter*. Pero gara li l-membri tal-Melita cable, hargu mid-dar u qaghdu

jistennew barra sa ma jasal ir-ragel taghha d-dar u waqt li kienu barra, cemplu wkoll ghall-assistenza tal-pulizija tad-distrett.

Ix-xhud zied jghid li sadanitant, sakemm l-impjegati tal-Melita Cable plc kienu qed jistennew fuq barra, il-membri tal-Melita Cable Television infurmawh li kienu nnutaw lill-mara tal-imputat hierga mid-dar u harget anke b'*picnic cooler* maghha. Nel frattemp, zied jghid x-xhud, waslu l-pulizija u wasal ukoll l-imputat u dahal id-dar u l-*converter* in kwistjoni li allegatament kienu nnutaw qabel r-rappresentanti tal-Melita Cable, ma kienx ghadu iktar hemm gew.

Qal li hu kien gie nfurmat b'dan kollu u peress li tal-Melita Cable insistew mieghu li huma kienu certi mija fil-mija li kienu raw *converter* imbaghbas f'din id-dar, liema *converter* imbaghad ma kienx baqa iktar hemm hekk, hu talab lill-Magistrat ta' l-ghassa sabiex tohroglu mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat u fil-fatt dan il-mandat inghatalu w huwa akkumpanja lil imputat presenti fl-awla l-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Kompla jghid li hu beda jkellem lil imputat wara li tah s-solita twissija skond il-ligi u li kien hemm bosta domandi li l-istess imputat kien ghazel li ma jirrispondix.

Jghid li l-imputat cahad kategorikament li hemm hekk kien hemm xi *converter*, giddeb lil tal-Melita u baqa jinsisti li ma kellu xejn. Qal li l-imputat irrilaxxja stqarrija f'dan is-sens wara li kien gie moghti s-solitu twissija skond il-ligi, liema istqarrija tikkonsisti fi tlett faccati w gharaf il-firma tieghu u dik tal-imputat presenti fl-awla, kif wkoll ta' PS 430 Andrew St. John li kien prezenti waqt r-rilaxx ta' din l-istqarrija.

Qal wkoll li peress li kien gie nfurmat ukoll li mart l-imputat kienet harget b'*picnic cooler* mid-dar, dahallu suspett li r-raguni li dan il-*converter* ma kienx instab fid-dar meta saru t-tfittxijiet, kien li aktarx li mart l-imputat kienet harget l-istess *converter* fil-*picnic cooler* in kwistjoni w ghalhekk talab lil mart l-imputat tmur l-Kwartieri Generali tal-Pulizija,

kif fil-fatt ghamlet u hemm infurmaha bid-drittijiet legali taghha wkoll pero hi cahdet kategorikament illi fid-dar kien hemm xi *converter* imbaghbas jew inkella f'xi hin, sakemm il-membri tal-Melita Cable kienu qed jistennew barra, harget dan il-*converter* mid-dar.

Ix-xhud zied jghid li rega' kellem lil membri tal-Melita Cable Television fuq dak li kienu raw u dawn minn naha taghhom accertawh li kienu certi mija fil-mija fuq dak li kienu nnutaw qabel sejjhu l-assistenza tal-pulizija. Qal li hu kellimhom ukoll fis-sens li messhom qabdu w infurmawh mill-ewwel u mhux jitilqu minn hemm gew sakemm waslu l-pulizija ghax kieku ma kienx ikun hemm din id-diffikulta pero huma ma basrux x'kien ser isir.

Spjega li kien ghamel x'investigazzjoni mal-*administration* tal-Melita Cable, biex jara x'servizz huma suppost kellhom w irrizultalu li huma fil-fatt kellhom servizz tal-Melita Cable u jigifieri minkejja li l-imputat qal li fl-ebda hin ma kellu dan is-servizz, fil-fatt rrizulta li huwa kien klijent tal-Melita Cable Television. Ix-xhud ipprezenta l-istqarrija li kien rrilaxxja l-imputat li tikkonsisti fi tlett faccati.

Mistoqsi mid-difiza jekk kienx l-imputat nnifsu li kien baghat ghall-membri tal-Melita Cable plc sabiex jaghmlu xi arrangamenti fid-dar tieghu, x-xhud wiegeb li fil-fatt veru l-assistenza tal-Melita Cable plc kienet giet imsejjha minnu stess pero biex jirrangawlu xi hsara li kellu fl-*internet* fil-*computer* fid-dar tieghu u mhux in konnessjoni mad-dar tieghu.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2007 **rega' xehed s-Supretendent Carmelo Bartolo** (fol. 45) fejn esibixxa l-fedina penali netta tal-imputat li giet immarkata bhala dokument Z 1 (fol. 47).

Illi nhar s-sbatax ta' Jannar 2007 **xehed Stephen Busuttil** (fol 26 u 33) fejn qal li parti minn xogholu hu li jinvestiga kazijiet ta' frodi u serq ta' servizz ta' xi apparat li jkun misruq lil Melita Cable. Qal li Joseph Musumeci kien klijent tal-Melita Cable u fil-fatt kellu zewg servizzi

moghtija lilu u cioe dak tal-*internet* w *Onvol*. Qal li l-imputat kien ghamel *complaint* dwar l-*Onvol*.

Spjega li fil-professjoni tieghu, hu jkun *aware* ta' *tampering* li jsir fuq xi apparat taghhom ghaliex parti minn xogholu bhala *technician*, kien li jaghti struzzjonijiet lil membri tal-Melita Cable biex meta jmorru ghand il-klijenti, jiccekkjaw wkoll t-*television box*.
Spjega li waqt li wiehed mit-*technicians* taghhom kien qed jaghmel spezzjoni fuq l-*internet* fid-dar tal-imputat, sitwata fi Triq Brandin, Siggiewi, dan t-*technician* allegatament innota li s-*security tag* ta' fuq il-*convertor* kien imbaghbas, u meta ccekkja c-*channels*, dawn allegatament baqghu telghin san-numru disgha w disghin w is-servizz li kellu kien jipprovdi biss san-numru hamsa w hamsin. Qal li l-klijent kien qed ihallas l-*minimum service* pero kien qed jara l-istazzjonijiet kollha.

Zied jghid li t-*technician* ghandu ordni sabiex icempel l-ufficju u jirrapporta l-*fault* u wara ssir investigazzjoni ulterjuri. Qal li f'dan il-kaz t-*technician* kien certu Jason Catania. Kompla jghid li gie rappurtat lilu li wara dan kollu, l-impjegati tal-Melita Cable hargu mir-residenza tal-imputat, baqghu quddiem l-istess residenza w ghamlu rapport u baqghu barra jistennew sakemm jaslu l-pulizija. Qal li sakemm kienu barra jistennew lil pulizija, allegatament raw lil mara tal-imputat hierga bit-tfal u b'*picnic cooler* u ghalhekk ma stennewx lil pulizija tasal. Zied jghid li meta waslu l-pulizija, gie nfurmat li dawn dahlu fir-residenza msemmija pero ma sabu ebda kaxxa. Spjega li pero meta t-*technician* taghhom kien dahal fl-imsemmija residenza allegatament kien ra l-kaxxa bl-apparat taghhom u fil-fatt kien qallu li s-*serial number* kien C4A180973931. Ix-xhud rega' afferma li hu *di persona* fl-ebda hin ma kien dahal fid-dar u li dak li kien qed jirrapporta kien biss dak li kien qallu t-*technician* Jason Catania.

Ix-xhud kompla jghid li l-kwistjoni li l-mara tal-imputat kienet harget mat-tfal b'*picnic cooler* minflok ma qaghdet tistenna lil pulizija jigu, ikkrejat suspetti hazin, ghalkemm kien fl-eqqel tas-sajf.

Spjega fuq domanda tal-prosekuzzjoni li d-*decoder* in kwistjoni jiswa inqas minn hames liri maltin circa u meta dan jigi ccippjat, li dan isir permezz ta' sistema kompjuterizzata, jitla l-ammont ta' servizz li jista jinsteraq minnu. Ix-xhud qal li ma kienx f'posizzjoni jghid il-gurnata li l-imputat allegatament ghamel uzu minnu w ghalhekk ma setghax jghid kemm hu l-valur ta' serq ta' servizz. Qal li f'xahar jista jitla serq ta' ghoxrin lira maltin u li dak kien il-massimu ghal dak l-perjodu ta' zmien. Qal li ma kienx f'posizzjoni jghid jekk effettivament l-imputat seraqx aktar minn mitt lira bhala servizz tal-*cable*.

Illi nhar s-sbatax ta' Jannar 2007 **xehed Kevin Borg** (fol 29) fejn qal li hu impjegat bhala *operations manager* mal-Melita Cable. Ftakar li kien ircieva telefonata minghand *technician* taghhom certu Jason Catania, li kien mar f'residenza fis-Siggiewi w irrapporta li d-*decoder* li kien hemm installat, kien *tampered*. Ix-xhud qal li fuq il-post *di persona* hu ma marx, u la dahal fir-residenza in kwistjoni u wisq inqas ra d-*decoder* msemmi. Qal li sussegwentement hu ghamel l-verifika tieghu mar-*records* taghhom w irrizultalu li l-imputat kellu *decoder assigned* lilu bl-istess numru li kien qallu t-*technician* li kien sab ghandu biss b'hafna inqas milli kien qallu l-istess *technician* li kien hemm. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, l-imputat kellu *low level TI* u cioe *low level* jew *reception*. Zied jghid li t-*technician* kien qallu li l-imputat allegatament kien qed jara c-*channels* kollha. Ikkonferma li t-*technician* kien tah s-*serial number* kien C4A180973931 li kien jaqbel mar-*records* taghhom. Ix-xhud esibixxa kopja tal-*account* tal-imputat bhala dokument CB (fol. 32).

Mistoqsi meta cempillu t-*technician* ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx ghaliex l-kaz kien gara fis-sena 2004, ghalkemm kien jaf li t-*technician* dak l-hin li cempillu kien allegatament ghand l-imputat. Qal li t-*technician* jirrapporta lilu direttament dwar dawn l-affarijiet u hu sussegwentement kien qal lil Steve Busuttil b'dan u li riedu depozitu tal-*convertor* fl-ammont ta' sebgha w tletin lira maltin. Spjega li l-*convertor* u *decoder* huma l-istess.

Zied jghid li f'kaz li huma jmorru ghand klijent u ma jsibux l-*convertor* u cioe d-*decoder* hemmhekk, huma jiccargjaw lil klijent s-somma ta' disgha w tmenin lira bhala multa peress li jkun proprjeta tal-Melita Cable.

Qal li hu ma kienx jaf kemm hu l-valur tad-*decoder* u li dan kien jiftah *channels* san-numru disgha w disghin. Zied jghid li huma m'ghandhomx din l-*line up* u b'hekk kien jahseb li t-*technician* induna b'dan. Ix-xhud qal li hu ma kkalkolax s-serq tas-servizz li kien allegatament sar.

Illi nhar l-ghaxra ta' Settembru 2007 **xehed Jason Catania** (fol 43) fejn qal li hu ilu jahdem ghal perjodu ta' erbatax il-sena bhala *service technician* mal-Melita Cable. Qal li f'xi jum partikolari kien ghamel *inspection* fis-Siggiewi fid-dar li tappartjeni lil certu Musumeci, pero min kien pero sid id-dar ma keinx jaf. Spjega li l-kumpanija kienet baghtitu f'gurnata f'post partikolari, ghalkemm t-triq ma kienx jafha u lanqas id-dar x'jisimha ma kien jaf. Qal li skond is-*service call* li tawh, kellu miktub fuq il-karta pero l-karta ma kienetx quddiemu. Qal li l-persuna li tghix f'din id-dar kellha s-servizz ta' l-*Onvol*. Spjega li effettivament habbat l-bieb u fethitlu persuna u dahal gewwa din id-dar fejn kien hemm persuna tistennih. Qal li din kienet l-mara tal-imputat Musumeci, u li isimha ma kienx jafu u kien jaf li kienet il-mara tieghu ghaliex qaltlu li riedet iccempel lir-ragel taghha. Qal li l-ewwel din il-mara akkumpanjatu fil-kamra tal-*computer* w imbaghad staqsiha jekk kellhiex servizz tat-*television*, biex jara jekk kellhiex xi hsara fuq it-*television*, ghaliex normalment meta huma jkollhom hsara fuq is-servizz, jiccekkjaw is-servizzi l-ohra.

Spjega li waqt li kien qed jiccekkja il-*converter*, nnota illi s-sigill fuq wara kien imtajjar u kien hemm provista ta' *channels* li kienet titla iktar milli suppost w ghalhekk dehrlu li l-*converter* kien imbaghbas. Qal li l-*convertor* taghhom ghandu *serial number* u jkun jaqbel ma l-*account* tal-klient.

Mistoqsi mill-Qorti x'inhu s-*serial number* f'dan il-kaz ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

In vista ta' din x-xhieda daqshekk dubbjuza, il-prosekuzzjoni talbet li x-xhieda tieghu tigi sospiza sabiex ix-xhud jipprepara ruhu ahjar.

Il-Qorti laqghet t-talba fin-nuqqas t'oggezzjoni tad-difiza u dan l-istess xhur rega' gie ngunt sabiex jixhed.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2007 **rega' xehed Jason Catania** (fol. 48) fejn wara li ghamel referenza ghal xi dokumenti quddiemu, ikkonferma li dawk kienu notamenti miktuba minnu meta sar il-kaz in kwistjoni. Ftakar li fit-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2004 il-kumpanija Melita Cable baghtitu jaghmel xi xoghol fir-residenza ta' Joseph Musumeci fil-fond numru 41 'Dedieu' Triq Ta' Brandin, Siggiewi peress li l-klijent in kwistjoni kien rraporta li kellu xi hsarat fis-servizz taghhom fuq l-*internet*. Qal li meta jkunu hemmhekk, hija procedura tal-kumpanija li jaghmlu *checking* fuq l-istallazzjoni kollha ghaliex meta jkun hemm hsara, il-probabbilta hija li teffettwa is-servizz tat-*television* ukoll.

Spjega li meta mar hemmhekk fethitlu wahda mara u haditu hdejn il-*cable modem* fejn allegatament kien hemm il-hsara. Sussegwentement talabha biex takkumpanjah fejn hija kellha is-servizz tat-*television* u haditu fejn hemm il-*converter*. Qal li hu spezzjona il-*converter* bis-serial number C4A180973931 w innota li dan kellu s-sigill imtajjar liema sigill jinstab fuq il-parti ta' wara tal-*converter*. Qal li biex itir dan is-sigill bilfors li l-apparat ikun irid infetah. Qal li l-*converter* in kwistjoni suppost kien jitla sa Channel 54, pero effettivament kien jitla sa Channel 99 b'dan il-*converter*. Spjega li l-abbonat kien abbonat fuq ir-*reception* pero kien miftuh kollu inkluz l-i*Sports Channel*. Qal li hu rrapporta dan lis-*supervisor* tieghu biex jinvestiga l-kaz w irrapporta lill-pulizija b'dak li kien sab, pero l-pulizija kienu damu ma marru w galhekk kellu johrog barra mir-residenza, ghaliex fil-fehma tieghu, kien hemm *converter* ccippjat.

Qal li din il-mara kienet cemplet lil zewgha l-imputat odjern, ghax fil-fatt rah gej fuq il-post pero hu kien lahaq hareg barra mir-residenza. Qal li hu qaghad barra fuq cint

faccata tar-residenza in kwistjoni, jistenna lil Steve Busuttil jigi li fil-fatt mar mal-pulizija. Qal li hu ma regghax dahal fir-residenza tal-imputat, pero zied jghid li fil-frattemp, sakemm hu kien barra jistenna, kienet harget mara tal-imputat b'zewgt itfal u *picnic cooler*. Sussegwentement hu sar jaf li meta dahlu l-pulizija dawn qalulu li ma sabu l-ebda *converter*. Qal li sakemm dam hemm ma lahaqx lill-mara tirritorna lura bil-karozza, kif kienet telqet.

Ix-xhud esibixxa n-notamenti li minnhom ghamel referenza fix-xhieda tieghu li gew mmarkati bhala Dok Z 3, u minn ezami tal-istess, jirrizulta li lil mara tal-imputat ma qalliex b'dak li kien sab u cioe li d-*decoder* kien imbaghbas.

In kontr' ezami ix-xhud qal li d-dokument li esibixxa presenzjalment mmarkat bhala Dok Z 3 ttajpjah hu fis-sena 2004 pero m'inzammx fil-pussess tieghu, kien fil-pussess tas-*supervisor* tieghu. Qal li sussegwentement dan il-*converter* kien gie rrapurtat misruq fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006.

Mistoqsi mill-Qorti x'sar fuq dan ir-rapport ix-xhud wiegeb li hu ma jidholx fiha.

Mistoqsi jekk hu, lil Kevin Borg kellmux, wiegeb li kien kellmu. Qal li effettivament dan huwa l-*manager* tieghu filwaqt li Steven Busuttil huwa inkarigat mill-frodi. Spjega li Kevin Borg huwa l-*manager* tas-sezzjoni tas-servizz tat-*technician* u effettivament ikun jaf kollox. Qal li skond il-kaz, jista jkun hemm iktar minn *converter* wiehed go dar pero fil-kaz ta' l-imputat, suppost li kien hemm *converter* wiehed, ghalkemm gewwa daru qatt ma dahal.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2007 xehed **PS 430 Andrew St. John** (fol. 52) fejn wara li ra l-istqarrija esebita bhala Dok. CB a fol. 19, qal li din l-istqarrija giet rilaxxjata nhar il-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 minn Joseph Musumeci li gharaf prezenti fl-awla bhala l-imputat odjern. Ikkonferma il-firma tieghu, dik tas-Supretendent Carmelo Bartolo kif wkoll ta' l-imputat Joseph Musumeci

fuq kull faccata taghha, liema stqarrija tikkonsisti fi tliet faccati.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Din il-Qorti hija tal-fehma, wara li ghamlet sommarju tal-provi prodotta mill-prosekuzzjoni, li ghandha taghmel xi sottomissjonijiet fuq principji generali li jorbtu fi process kriminali.
Fil-process kriminali, kemm il-prosekuzzjoni, kif wkoll l-akkuzat, ghandhom mhux biss d-dritt li jgibu provi, izda li jirregolaw huma xi provi jgibu.

S'intendi, jridu jigu osservati r-regoli ta' procedura relattiva ghal produzzjoni tal-provi. Fost dawn, jinkombi fuq min igib prova, li dik il-prova tkun l-ahjar prova, infatti, l-artikolu 634(1) tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta, jistabilixxi li bhala regola, ghandu jitqies li tingieb l-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra ebda xhud jew prova teknika li tkun importanti.

L-artikolu 513(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta, jaghmel applikabbli ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-artikoli 557 sa 561 tal-Kodici t'Organizazzjoni u Procedura Civili.

L-artikolu 558 ta' dan il-Kodici tipprovdi li l-Qorti ghandha, fil-kazijiet kollha, tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista ggib u bl-artikolu 559(1) tal-istess Kodici, il-Qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhiex l-ahjar prova li l-parti tista ggib. (vide **Il-Pulziija v John Farrugia** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Jannar 1986 per Imhallef Lino Agius***)

Huwa bla dubbju ta' xejn l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat, huma veri u dan ghaliex, kif ighid l-awtur taljan **Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale - Vol III, Kap IV, pagna 234, edizzjoni 1896***:

*"Il cosi detto onero della prova cioe` il <u>carico</u> di fornire spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit".*

Huwa dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u dan sal-grad ta' konvinciment morali tal-gudikant (vide **Il-Pulizija v Paul Farrugia** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu 2000***).

Fil-kamp penali, dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddecidi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrizultawlha mill-atti u kongetturi ta' fatti mhux ammessi.

Huwa ghalhekk l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti, u dan trid taghmlu billi, bil-provi taghha twassal lil min irid jiddecidi, sa dak il-grad ta' konvinciment morali, bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'setgha gara probabbilment jew possibbilment, ma jikkostitwux ebda prova valida.

Mill-banda l'ohra, l-imputat, prezunt innocenti, m'ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista jghamlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabbli (vide **Il-Pulizija v Joseph Ciscaldi** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra ta' Lulju 1998***).

Il-fatt li l-imputat ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda li setghu jinkriminawh fl-istqarrija tieghu, m'ghandiex tinghata importanza ghalkemm l-Ufficjal Prosekutur ghogbu li jikkummenta dwarha fix-xhieda tieghu, ghaliex dan hu dritt tal-istess imputat sabiex ma jwegibx.

Illi l-emendi proposti fil-*White Paper* sabiex tigi ntrodotta r-*rule of inference* hawn Malta waqt l-investigazzjoni ghadha mhux parti mill-ligi taghna w ghalhekk tali kummenti huma superfluwi u m'ghandhux ikollhom widen fis-sistema gudizzjarja taghna.

In oltre, l-Ufficjal Prosekutur wkoll fix-xhieda tieghu, ikkummenta fuq l-fatt li l-*convertor* allegatament imbaghbas, m'instabx ghaliex mart l-imputat harget bit-tfal b'*picnic cooler* u setghet hbietu hemm.

Illi tali kummenti wkoll m'ghandhomx ikollhom widen fis-sistema legali nostrana taghna ghaliex huma biss supposizzjonijiet infondati. Il-fatt li mara fix-xahar ta' Lulju tohrog f'xi hin kmieni wara nofsinhar ma wliedha biex tmur il-bahar b'*picnic cooler* ma tikkreja ebda cirkostanza suspettuza, molto piu meta tqis li Jason Catania, rapprezentant tal-Melita Cable, ma qalilhomx li kellul *decoder* imbaghbas u molto piu meta tqis li l-ispezzjoni mill-membri tal-Melita Cable saret fuq domanda tal-imputat.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Parctice*** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal ***Lord Normand*** fil-kaz **Teper v R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun**.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija wkoll mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat, u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu il-hati u li l-provi li jigu imressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi jinghad ghalhekk li dak li kkummenta b'mod gratuwitu l-Ufficjal Prosekutur, dwar il-mara tal-imputat, u cioe li setghet hbiet d-*decoder* fil-*picnic cooler*, zgur li ma jikkostitwix indizzju qawwi li jista jorbot lil imputat mar-reat addebitat lilu. Il-prosekuzzjoni ma ppruvat ebda rabta bejn l-allegat fatt u l-allegat reat.

Dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li ta x'tifhem fir-rapport ta' Jason Catania - dokument Z 3, li huwa ma qal xejn dwar l-allegat *decoder* lil mart l-imputat qabel ma hareg barra jistenna lil shabu gejjin.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil et *nhar fis-sitta ta' Mejju, 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali,*** kien intqal li:

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"
Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.

F'dan il-kaz pero l-kwistjoni tal-picnic cooler ma turbot ma xejn; hija biss sitwazzjoni cirkostanzjali li nholqot fil-hin tal-investigazzjoni tal-pulizija, liema sitwazzjoni allegatament giet investigata mill-pulizija, pero ma wasslet ghal ebda ndizzju. Ma hemmx dubbju, kif gie ritenut fi-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Mejju 1997*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Gerald Muscat** et li kull dubbju li l-prosekuzzjoni ghandha, trid tigi ezaminata fl-assjem taghha – principju legali del resto elementari.

Illi in materja ta' procedura hu notorju li l-prosekuzzjoni m'ghandiex biss l-oneru tal-prova, izda anke l-obbligu li ggib l-ahjar prova kif intqal aktar 'l fuq.
Issa, f'dan il-kaz, ma hemmx dubbju li l-ahjar prova kellha tkun li l-allegat *decoder* allegatament imbaghbas jigi esibit il-Qorti w issir perizja teknika fuqu sabiex jigi stabbilit bi precizjoni fejn kien hemm t-tbaghbis u kif effettivament sar dak t-tbaghbis u x'kien dak l-allegat tbaghbis, jekk jirrizulta li jkun hemm. Ghalhekk l-*corpus delicti* kienet tkun l-ahjar prova, kif ben tajjeb osservat d-difiza.

Din il-Qorti ghalhekk trid tqis li dan il-punt ferm interessanti sollevat mid-difiza, liema punt effettivament huwa l-pern tal-kwistjoni kollha, u hasbet fit-tul fuq dak kollu li gie sottomess rigwardanti miz-zewg nahat.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk kien ikun ferm ahjar u ferm aktar facli li kieku nstab l-allegat *decoder* imbaghbas u gie esibit il-Qorti. B'dan kollu ma tistax tigi eskluza kompletament kull reita semplicement ghaliex m'instabx il-*corpus delicti*. Ovvjament, il-presenza fizika tal-oggett illegali kien jikkostitwixxi l-ahjar prova, izda bhal ma jigri f'hafna kazijiet, fil-mankanza tal-ahjar prova, wiehed irid jirrikorri ghas-*secondary evidence* jew dawk il-provi indiretti jew cirkostanzjali. Il-mankanza tal-*corpus delicti* f'dan il-kaz, li kien ikun l-ahjar prova tal-prosekuzzjoni, jirrendi biss l-kompitu tal-prosekuzzjoni ferm aktar difficili fis-sens li l-oneru tal-prova ta' tbaghbis li sar, huwa dejjem fuq il-prosekuzzjoni, gie ferm aktar gravuz.

Id-domanda li trid taghmel din il-Qorti hi li minkejja n-nuqqas materjali tal-*corpus delicti* tista ragonevolment u legalment issib htija fl-imputat ?

Din il-Qorti ghalhekk trid taghmel apprezzament tax-xhieda li semghet. Hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa u bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha u dan ghaliex ghexet il-process kollu u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma viva voce il-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-artikolu 637(1) tal-Kap 9 u dan billi qiset l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk ix-xhieda kienetx imsahha minn xhieda ohra u tara c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti ghamlet wkoll ezercizzju fejn rat x'jigri f'numru ta' kazijiet fejn ikun hemm nieqes l-ahjar prova jew ma giex esibit il-*corpus delicti*, u kien hemm mankanza ta' prova cirkotanzjali.

Fis-sentenza moghtija nhar ***l-erbgha w ghoxrin ta' April 1986***, fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Bonello**, il-prosekuzzjoni naqset li tesibixxi l-iskrittura li effettivament permezz taghha nbieghet l-karozza w ghalhekk, il-Qorti hasset li ma setghax jigi ppruvat b'certezza meta sar l-bejgh w ghalhekk ma sabitx lil imputat appellanti hati li m'ghamilx t-*transfer* tal-vettura fiz-zmien moghti fil-ligi w illiberat lil imputat appellant fq dan in-nuqqas.
Fis-sentenza moghtija nhar ***l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 1987*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Chetcuti**, li kienet tittratta fuq pussess ta' droga, il-prosekuzzjoni naqset li tesibixxi d-droga w ghalhekk il-Qorti kkummentat dwar dan in-nuqqas ta' prova ewlenija, pero minhabba l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu li kien ipejjep il-haxixa, sabitu hati tal-akkuza a bazi ta' prova sekondarja, ghalkemm stqarret li "l-ligi tesigi l-ahjar prova, cioe l-ezami tal-oggett."

Fis-sentenza moghtija nhar ***s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 1988 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Galea** l-imputat appellanti kien gie akkuzat li ppermetta uzu tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni S-5260 ghal skopijiet ohra barra minn dawk li hija licenzjata ghalih mill-Kummissarju tal-Pulizija, fost akkuzi ohra u li f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni m'esibit ebda *log book* tal-vettura w ghalhekk, il-prosekuzzjoni ma ressqitx l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lil gudikant li l-imputat appellanti ma setghax jghabbi aktar minn tnax il-passiggier kif fil-fatt kellu u gie liberat.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Awissu 1990*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Abdilla**, l-imputat appellanti kien gie akkuzat li ghamel bini mhux skond il-pjanta approvata. Fil-mori tal-procediment, il-prosekuzzjoni naqset li tesibixxi l-pjanta approvata w ghalhekk fin-nuqqas tal-ahjar prova ewlenija, dik il-Qorti lliberatu.

Dan l-ezercizzju l-Qorti ghamlitu biex tipprova kemm hu importanti li l-prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova meta din tkun disponibbli ghaliha u li hu biss f'kazijiet eccezzjonali li l-Qorti tiddispensa bl-ahjar prova u tannetti u tistrieh fuq prova sekondarja.

F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda lis-Supretendent Carmelo Bartolo, li nvestiga l-kaz fuq dak li gie rappurtat lilu u li xehed fuq dak li rrizultalu mill-investigazzjoni, lil Stephen Busuttil, impjegat tal-Melita Cable inkarigat li jinvestiga kazijiet ta' frodi, li ma marx fuq il-post in kwistjoni u li ma ra xejn illegali u li xehed fuq dak li gie rappurtat lilu mis-subalterni tieghu, lil Kevin Borg, General Manager tal-Melita Cable, li wkoll xehed fuq dak li gie allegatament rappurtat lilu mit-teknici, lil PS 430 Andrew St. John li kkonferma l-validita tal-istqarrija tal-imputat u lil Jason Catania li huwa l-uniku xhud li allegatament ra d-*decoder* imbaghbas meta mar fuq il-post.

F'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Lulju 2002*** fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v George Spiteri** fejn inghad li:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tezigi li kull min irid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista biss jaqa fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel, jew l-ahjar prova, mhux disponibbli. Huwa veru wkoll, li min ghandu jiggudika, jista, skond l-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lil*

*gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata."*

Issa, f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni ressqet lil Jason Catania jixhed f'zewg okkazzjonijiet, l-ewwel darba nhar l-ghaxra ta' Settembru 2007 meta ma kienx ippreparat jixhed w ghalhekk effettivament xehed in arja u fit-tieni darba nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2007, meta xehed minn fuq notamenti li allegatament kien ha tlett snin qabel, liema notamenti m'inzammux fil-pussess tieghu. Illi dan huwa l-uniku xhud li allegatament ra dan l-imbaghbas *decoder*. Illi pero l-Qorti thoss li x-xhieda tieghu mhiex daqstant kredibbli tant li fuqha tista ssib lil imputat hati. Dan x-xhud jghid li huwa mar jaghmel spezzjoni fid-dar tal-imputat wara li l-istess imputat allegatament kien irrapporta xi hsarat. Illi meta effettivament kien irrapporta din il-hsara, ix-xhud ma qal xejn dwar x'tip ta'hsara kien hemm u mill-provi ma jirrizultax ghaliex ezami tekniku fuq dan d-*decoder*, ma sarx. Dan x-xhud jghid li dahal fid-dar meta l-imputat ma kienx presenti, izda kien hemm mart l-imputat li wrietu dan l-allegat *decoder*. Illi pero x'sar minn dan d-*decoder*, ma jafx u meta mbaghad dahlu allegatament xi pulizija biex jghamlu tfittxija, dan d-*decoder* m'instabx. Illi l-pulizija li allegatament dahlu fil-fond tal-imputat, lanqas ma xehdu f'dan il-proceduri. Ma jirrizultax kemm damu biex waslu dawn il-pulizija wara li rcievew t-telefonata minghand dan x-xhud li kien hemm dan t-tbaghbis. Jghid biss li meta sab dan d-*decoder*, ma gabrux, izda hareg barra jistenna u cempel lil tali ufficjali, minghajr ma qal xejn lil hadd.

Illi l-prosekuzzjoni esibiet l-istqarrija rilaxxata mill-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda nkriminatorja w ghalhekk tali stqarrija ma tistax tigi nterpretata li hija b'xi mod inkriminanti jew li ssahhah t-tezi tal-prosekuzzjoni li l-imputat kiser il-ligi ghal dak li gie akkuzat bih, ghaliex fil-fatt ghandna cahda totali li hu qatt ghamel xi tbaghbis.

Illi l-prosekuzzjoni ppruvat torbot l-fatt li mart l-imputat harget bil-*picnic cooler* biex tahbi d-*decoder* pero ghal din

d-domanda wkoll l-imputat baqa sieket u ma wegibx w ghalhekk, zgur li ma tistax titqies bhala xi prova ndizzjarja li tista tintrabat ma xi holqa ohra sabiex jigi stabbilit xi nexus.

Din il-Qorti ghalhekk ghandha biss ghad-disposizzjoni taghha x-xhieda li ta Jason Catania, li mhix xhieda konvincenti u ma tistax titqies li hija tali li fuqha l-Qorti thossha konvinta mill-htija tal-imputat, kien jinhtieg li tali xhieda kellha tigi korroborata, jekk mhux minn terzi, zgur minn cirkostanzi – haga pero li ma sehhitx.

Il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz m'ghamlitx investigazzjoni profonda ghal xi raguni jew ohra, u forsi strahet fuq l-investigazzjoni li kienet qed taghmel l-Melita Cable stess b'mod intern u hu appuntu minhabba din l-investigazzjoni ghajjiena u debboli tal-prosekuzzjoni, li din il-Qorti qed tillibera lil imputat.

**Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, tiddikjara li <u>ma ssibx</u> lill-imputat JOSEPH MUSUMECI hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------